**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 200/2024GG**

**Shahzad Gill**

**Vs**

**Il-President tal-Kunsill ghall-Infermiera u Qwiebel Malta u**

**L-Avukat tal-Istat**

Illum 8 ta' April 2025.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors**[1] **tar-Rikorrent Shahzad Gill** prezentat quddiem din il-Qorti fid-19 ta' April 2024, li bis-sahha tieghu ippremetta u talab kif gej:

> Illi r-rikorrent gie impjegat bhala stuff nurse ġewwa l-Isptar Mater Dei fl-1 t'Awwissu, 2022.

[1] Fol. 1 sa 4

Illi qabel ma ngaġġat bhala infermier ġewwa Mater Dei, huwa ghamel żmien jahdem ukoll bhala infermier ġewwa l-Isptar Monte Karmali u f'San Vincenz De Paule.
Illi huwa gie nfurmat permezz ta' ittra elettronika tal-15 ta' Novembru, 2022 mill-Kunsill intimat li l-Bord tad-Dixxiplina tal-Kunsill kien se jghajjat lill-esponent fuq Bord ta' Inkjesta.

Illi huwa gie avżat kif gej:

" I hereby give you notice that the Council for Nurses Midwives has ordered an inquiry in terms of Art. 31 et seq. Of Chapter 464 of the Laws of Malta, to consider and judge the charge imputed to you, namely medication errors and lack of knowledge of dealing with basic nursing tasks in the course of the administration of your duties as a staff nurse in Mater Dei Hospital.

You are hereby informed that the first sitting of the said inquiry will be held on Wednesday 30th November 20022 10:00a.m at the Boardroom of the Office of Council for Nurses and Midwives at Level 1 St. Luke's Hospital G'Mangia Hill, Pieta'. A copy of the Council for Nurses and Midwives Rules is enclosed for your guidance. You are warned that failure on your part to appear without giving a reasonable explanation

for your absence would not debar the Council for Nurses and Midwives from proceeding with the inquiry in your absence."

Illi l-esponent deher quddiem il-Kunsill u spjega l-posizzjoni tiegħu però sussegwentement il-Kunsill intimat iddeċieda bil-mod kif ġej nhar id-19 ta'April, 2023:

"In accordance with article 32(1)(c)(v) of Chapter 464 of the Laws of Malta, Mr Shazhad Gill is to undergo a period of Professional training, which training shall include Professional nursing tuiton, as recognised by the Council for Nurses and Midwives; and In accordance with article 32(1)(c)(ii) and article 34 of Chapter 464 of the Laws of Malta, Mr Shazhad Gill's name shall be taken-off the register and it shall be recommended to the President of Malta to suspend the licence of Mr Shahzad Gill, up until the period of time the Council for Nurses and Midwives is appropriately convinced by Mr Shahzad Gill that he has recieved adequate training leading to the restoration of his name within the register.

The Council recommends that you are to attend and successfully complete a full nursing course programme of at least three years which leads to a Higher Diploma or Degree level in nursing studies as required in EU Directive 2005/36."

Illi l-esponent gie notifikat b'din id-decizjoni bil-miktub permezz ta' posta reġistrata nhar il-25 ta' April, 2023.

Illi l-esponent appella minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell pero' b'sentenza fl-ismijiet **Shahzad Gill vs Kunsill ghall-Infermiera u Qwiebel Malta u b'digriet tal-llum stess il-kliem "Kunsill ghall-Infermiera u Qwiebel Malta" gew sostwiti bil-kliem "Il-President tal-Kunsill ghall-Infermiera u Qwiebel Malta** (Rik. Nru. 231/23) moghtija fid-29 ta' Frar, 2024 id-decizjoni tal-Kunsill intimat giet ikkonfermata (Dok A.)

Illi r-rikorrenti jissottometti li l-Att dwar il-**Professjonijiet tas-Sahha** (Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti l-fakulta lill-Kunsill sabiex jinvestiga, iġib xhieda, iwieġeb sottomissjonijiet u finalment jiġġudika permezz ta' penalitajiet kif stabbiliti taht l-Artikolu 32 (1) tal-Kap. 464 u li ghalhekk dan l-artikolu qieghed jaghti funzjoni lill-Kunsill bhala investigatur, prosekutur u ġudikant `b'mod li jippreġudika d-dritt ghal smigh xieraq quddiem tribunal indpendneti u imparzjali, bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Illi ilment simili kontra l-Kunsill intimat gie aċċettat mill-Qrati nostrali fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Stephen Spiteri vs Il-Kunsill Mediku u l-Avukat tal-Istat** fejn il-Qorti laqghat l-ewwel talba tar-rikorrent, iddikjarat li fil-konfront tar-rikorrenti, in kwantu l-Kunsill Mediku bis-sahha tal-Artikoli

31 u 32 tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu l-funzjoni li jinvestiga, jakkuża, iġib xhieda, jiġġudika u jimponi penalitajiet fuq ir-rikorrent, jammonta ghall-ksur tal-jedd fundamentali tieghu ghak smigh xieraq sancit bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) Tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrent, in kwantu l-kunsill ghall-Infermiera u Qwiebel Malta, bis-sahha tal-Artikoli 31 u 32 tal-Kapitolu 464- tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu l-funzjoni li jinvestiga, jakkuża, iġib xhieda, jiġġudika u jimponi penalitajiet fuq ir-rikorrent, jammonta ghall-ksur tal-jedd fundamentali tieghu ghal smigh xieraq sancit bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) Tgahmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tiddikjara nulli l-proceduri fil-konfront tar-rikorrent mehuda

mill-Kunsill ghall-Infermiera u Qwiebel Malta in kwantu jiksru d-dritt fundamentali tar-rikorrent kif fuq deċiż.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokument[2] anness mar-Rikors promotur.

Rat ir-**Risposta tal-President tal-Kunsill ghall-Infermiera u Qwiebel Malta**[3], ipprezentata quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Mejju 2024, li permezz taghha wiegeb kif gej:

**Eċċezjoni Preliminari:**

1.) Illi preliminarjament esponaneti jeċċepixxi bir- rispett li mhuwiex il-leġittmu kontradirrur fil-proċeduri odjerni stante li ma jista' qatt jirrispondi għat-talbiet rikorrenti u wisq aktar joffri r-rimedji mitluba fir-rikors odjern;

**Eċċezjoni fil-mertu:**

1.) Illi in linea perliminari, permezz ta' din ir-risposta, l-esponenti qieghed jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kontenuti fl-istess rikors stante li dawn huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u fid-dritt;

2.) Illi l-esponenti jeċċepixxi illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kaptilu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-

[2] Fol. 5 sa 19
[3] Fol. 22 sa 23

fatti kif dikjarati mill-attur qeghdin jigu kkontestati u jeħtieg illi jigu pruvati;

3.) Illi b'kull dovut rispett lejn ir-rikorrenti, l-fatti li wasslu għas-sentneza ċitata mir-rikorrenti ċioe' dik fl-ismijiet "Dr. Stephen Spiteri vs il-Kunsill Mediku u l-Avukat tal-Istat" m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-fatti li taw lok għal-dawn il-proċeduri;

4.) Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq allegat vjolazzjoni tal-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponenti jiċhad bil-qawwa kollha li l-Kunsill eċċipjenti ċahad għal smiegħ xieraq lir-rikorrenti;

5.) Illi fi kwalunkwe każ u mingħarj preġudizzju għas-suespost, il-lanjanzi u pretensjonijiet rikorrenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;

6.) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jirriżulta n-neċessita' fil-mori tal-kawża.

**Rat ir-Risposta tal-intimat Avukat tal-Istat**[4], ipprezentata quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Mejju 2024 , li permezz taghha wiegeb:

1. Illi qabel mal-esponent jgħaddi biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għandu jingħad li ġaladarba l-esponent ma kienx parti mill-proċedura quddiem il-Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel ta' Malta u lanqas fl-appell minn din id-deċiżjoni quddiem tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) bin-numru ta' referenza 231/23/1 hekk kif riferiti fir-rikors promotur hu m'huwiex edott mill-fatti u mill-proċess tal-atti fil-kawża sopraċitata u għalhekk jirriserva d-dritt li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri ladarba l-esponent jieħu sfond qasir tal-fatti li wasslu għal din il-kawża odjerna;

2. Illi marbut sfiq ma' dak premess, jidher ċar mir-rikors promotur li r-rikorrent qiegħed jittanta juża dawn il-proċeduri kostituzzjonali u lil dina l-Onorabbli Qorti bħala Qorti tat-tielet istanza ħalli dak li ma rnexxielux jottjeni quddiem il-Kunsill għall-Infermiera u l-Qwiebel u l-Qorti tal-Appell presjeduta minn tliet Imħallfin, jottjenih minn dina l-Onorabbli Qorti. L-esponent jistmerr u jikkundanna dan l-aġir għaliex m'huwa xejn ħlief abbuż totali mill-proċedura u ħela ta' ħin ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza tagħha Kostituzzjonali. Dan jidher ċar mill-fatt li r-rikorrent skorettament jew konvenjentament jinterpreta d-diċitura ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza ċitata minnu fir-rikors promotur fl-ismijiet ta' **Dr Stephen Spiteri vs Il-Kunsill Mediku et** daqs li kieku din is-sentenza tapplika għaċ-ċirkostanzi in kwistjoni meta dan ma jistax ikun iktar oppost. F'dan ir-rigward jingħad li l-imsemmija sentenza kienet tirrigwarda sanzjonijiet amministrativi, fosthom f'forma ta' multa li skont dik l-Onorabbli Qorti ġiet tixbaħ reat kriminali, liem sanzjonijiet ma segħtux jiġu appellati u b'hekk b'xi mod jiġu ssanati mil-Qrati Maltin u dan kif tgħidilna l-istess sentenza meta din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tistqarr "*Ġialadarba l-proċeduri*

[4] Fol. 24 sa 26

*istitiwiti ma hemm dritt ta' appell fil-maġġorparti tas-sanzjonijiet li l-Kunsill jista' jimponi, ir-rikorrenti għandu l-jedd li jkun ġudikat minn awtorita ġudikanti f'dan il-każ il-Kunsill Mediku, li tkun imparzjali u indipendenti bis-salvagwardji sanċiti fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 39(2) tal-Kap. 12"*. Din tiġi kuntrastata maċ-ċirkostanzi tar-rikorrent, fejn is-sanzjoni tiegħu hija b'mod intier soġġetta għad-dritt tal-appell, liem dritt filfatt ġie użat mir-rikorrent. B'hekk jidher ċar li r-rikorrent fetaħ din il-kawża kostituzzjonali sempliċiment għaliex ingħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell li hu ma qabilx magħha u mhijiex deżiderabbli fil-konfront tiegħu u għalhekk l-esponent jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti biex ma tagħtix wieden għal vantazzjonijiet frivoli tar-rikorrent;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent *stante* li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

4. Illi mingħajr preġudizzju, fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrenti abbażi ta' allegat ksur tal-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** l-esponent jissottometti li l-kunċett kollu ta` smigħ xieraq ma jdurx mal-interpretazzjoni tal-liġi sostantiva jew mal-prinċipji tal-ermenewtika legali iżda huwa mixħut esklussivament fuq il-*"procedural fairness"* ta` kawża. L-aċċess għall-qorti ma jfissirx li l-liġi għandha tinkiteb kif tkun tixtieq parti **jew li sentenza tal-qorti għandha tkun favorevoli għal parti**. Tassew jingħad li jidher ċar mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, li ġiet annessa mar-rikors promotur bħala Dok. A, li dan l-allegat ksur ma seħħx għaliex qatt ma ġie pruvat mir-rikorrent il-kunċett ta' nuqqas ta' *procedural fairness*, u dan kif jidher ċar mis-segwenti diċitura ta' din is-sentenza:

*"31. Din il-Qorti fliet l-atti u ma jirriżultalhiex fl-ewwel lok li l-appellant talab diversi drabi dan ir-rapport u li kien hemm ċaħda*

*għal din it-talba. Jirriżulta minflok li matul ix-xhur, l-appellant kien qiegħed jiġi segwit minn bosta professjonisti sabiex jiżguraw li huwa kien jaf xogħlu u dan billi ġie osservat li kien hemm bosta nuqqasjiet min-naħa tiegħu u b'hekk żgur ma jistax jingħad li huwa ma kienx jaf għal liema raġuni kienet għaddejja inkjesta fuqu. Fuq kollox, meta huwa ġie mgħarraf li kien se jkun hemm inkjesta, ingħad li l-istħarriġ tal-inkjesta kien se jkun fuq: <<medication errors and lack of knwledge of dealing with basic nursing tasks in the court of the adminsitration of your duties as a Staff nurse in Mater Dei Hospital.>>*

*32. Jirriżulta wkoll mir-rapport imħejji mis-sottokumitat tad-dixxiplina tal-Kunsill li jisntab fl-atti, li l-appellant xehed quddiem il-Bord tal-Inkjesta nhar it-30 ta' Novembru, 2022 (ara paġna 43 tal-proċess). Ingħata wkoll id-dritt li jkun rappreżentat minn avukat iżda huwa għażel li ma jkellimx avukat jew ikun megħjun minn avukat. Skont ir-rapport ix-xhieda tal-appellat tirrifletti l-ilmenti lu huwa ressaq ukoll f'dan l-appell u li se jiġu mistħarrġa. Fuq kollox, jirriżulta minn dan l-appell innifsu li huwa kien jaf sewwa biex kien qiegħed jiġi mixli."*

Billi għalhekk l-ilment tar-rikorrent mhuwiex marbut ma` xi nuqqas proċedurali, dan l-ilment għandu jiġi miċħud;

5. Illi magħdud mas-suespost u mingħajr preġudizzju, jingħad li ladarba dawn il-proċeduri kienu dawk ta' natura amministrativa u mhux ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "*hard core of criminal law*", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li jkollu setgħa kemm investigattiv u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara ***Janosevic vs. L-Isvezja*** deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);

6. Illi in oltre' ma' dak suespost, sakemm deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorita' mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smiegħ xieraq. Filfatt, skont l-artikolu 36 tal-Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta, liem artikolu ġie użat mir-rikorrent diġa', id-deċiżjoni tal-Kunsill intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell, kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu, kif appuntu ġara fil-każ odjern;

7. Illi magħdud u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif tgħallimna l-ġurisprudenza nostrana, id-dritt għas-smigħ xieraq jiggarantixxi l-aderenza ma ċerti prinċipji proċedurali li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Madanakollu huwa interessanti kif ir-rikorrent imkien ma semma' li l-Kunsill intimat ma ħalliehx jagħmel sottomissjonijiet jew ma tahx lok isemma' leħnu waqt il-proċeduri jew li wasal għal deċiżjoni imparzjali u li tmur kontra l-liġi, anzi jidher pjuttost bil-kontra, ċjoe li r-rikorrent kellu ċ-ċans sabiex "*spjega l-posizzjoni tiegħu*";

8. Illi għalhekk tajjeb li jiġi mfakkar li dina l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali tagħha hija kompetenti biss biex tiddeċiedi jekk ġewx leżi xi drittijiet fundamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea u mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-Qrati l-oħra sabiex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi korrettament o meno[5]. Allura ladarba d-deċiżjoni tal-Kunsill intimat ġiet riveduta u konfermata fl-intier tagħha mill-Qorti tal-Appell, u ladarba ma jirriżultax li l-Qorti konċernata ma iddeċiditx skont il-liġi wara li eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod raġjonevoli fl-ambitu tal-ġustizzja, jingħad li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. F'dan ir-rigward għandu jingħad ukoll li l-fatt uniku li l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tal-Kunsill intimat ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell, ma

[5] Ara sentenza deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2011 fl-ismijiet J.**E.M. Investments Limited vs Avukat Ġenerali.**

jikkostitwix ksur awtomatiku tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent odjern;

9. Illi in vista tal-paragrafi preċedenti u mit-trattazzjoni fil-mori tal-kawża odjerna għandu jidher li l-artikoli 31 u 32 tal-Kap. 464 ma jmorrux kontra d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq u l-esponent ikompli jisħaq li l-ilment ta' ksur **tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jimmerita li jiġi miċħud u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;

10. Illi magħdud ma' dan kollu, ladarba ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda. Ulterjorment, l-esponent huwa tal-fehma li din il-kawża hi sempliċiment **frivola u vessatorja** u konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Illi finalment, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli qorti jidrilha li ġew leżi xi drittijiet tar-rikorrenti, ħaġa li l-esponent qiegħed jikkontesta, fiċ-ċirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġjaladarba r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat li, b'ordni tat-3 ta' Lulju 2024[6], din il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-process gudizzjarju quddiem il-Qorti tal-Appell bin-numru 231/2023/1 deciz fid-29 ta' Frar 2024 fl-ismijiet **Shahzad Gill vs Kunsill Ghall-Infermiera u Qwiebel Malta** (minn issa msejjah "Process Allegat").

Rat il-provi dokumentarji prezentati mill-partijiet fir-rigward.

Semghet ix-xiehda mressqa minnhom.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa fl-ahhar stadju tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

1. Illi f'din il-kawza r-rikorrent Shahzad Gill ("Rikorrent") qed jilmenta li garrab ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq kif protett bl-**artikolu 39** tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u bl-**artikolu 6** tal-Konvenzjoni Ewropea, bil-mod kif il-ligi ordinarja trid li jitmexxew, u filfatt tmexxew, proceduri dixxiplinarji kontra tieghu mill-Kunsill Ghall-Infermiera u l-Qwiebel (minn issa 'l quddiem "Kunsill Intimat") fit-termini tat-Titolu VII (**Artikoli 31** sa **41**) tal-<u>Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha</u> (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta). Dawn il-proceduri dixxiplinarji wasslu ghad-decizjoni tal-Kunsill datata 19 ta' April 2023 li permezz taghha, fost ohrajn, isem ir-Rikorrent thassar minn fuq ir-Registru tal-Infermiera u l-Qwiebel, filwaqt li l-licenzja tieghu kienet sospiza sakemm il-Kunsill Intimat ikun sodisfatt li r-Rikorrent ircieva t-tahrig mehtieg sabiex ikun jisthoqqlu li ismu jerga' jidhol fir-Registu. Essenzjalment, l-ilment tieghu jikkonsisti filli l-Kunsill Intimat jagixxi ta' investigatur, prosekutur u gudikant fil-process ta' *"inkjesta"* mahluq mil-ligi f'dawn id-disposizzjonijiet, u li jitmexxa meta jittiehdu passi dixxiplinarji kontra infermier. Skond hu, dan il-process jikser id-dettami tas-smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali,

[6] Fol. 40

bis-salvagwardji ta' process gust li jippermettilu jiddefendi ruhu b'mod xieraq.

2. Mill-provi mressqa f'din il-kawza u fil-Process Allegat, jirrizulta li:

(a) L-ewwel ilment bil-miktub kontra r-Rikorrent sar fil-bidu tas-servizz tieghu fis-sala M7 tal-isptar Mater Dei fil-5 ta' Settembru 2022 minn Alexander Micallef. L-ilment kien li *"He is very lacking in general knowhow and general nursing care and needs a lot of training, more than the average new nurse. In truth, he knows very close to nothing and I am very worried about him"*[7]. Dan l-ilment kien verifikat minn Rosalie Sammut (*Senior Practice Nurse*) u twassal lic-Chief Nursing Managers Rudolph Cini u Valerie Mifsud, li wara li vverifikawh huma wkoll, baghtu rapport lir-registratur tal-Kunsill Intimat[8];

(b) Ir-rapport formali kontra r-Rikorrent kien iffirmat minn *Senior Nursing Manager* u zewg *Charge Nurses*, u fih id-dettalji kollha tal-allegazzjonijet ta' nuqqasijiet fil-konfront tieghu[9];

(c) L-avviz tal-inkjesta fil-konfront tar-Rikorrent hareg mill-Kunsill Intimat fil-15 ta' Novembru 2022, u kien mibghut lir-Rikorrent. Huwa kien mgharraf li l-akkuza fil-konfront tieghu kienet dwar *"medication errors and lack of knowledge of dealing with basic nursing tasks in the course of the administration of your duties as a Staff nurse in Mater Dei Hospital"*, u ssejjah biex jattendi ghall-ewwel seduta tal-inkjesta f'data, hin u post specifiku. Fl-istess Avviz kien mwissi li l-Kunsill Intimat ma kienx prekluz milli jkompli bil-procediment jekk hu jonqos milli jattendi ghas-smigh iffissat. Anness mal-avviz, intbaghat lir-Rikorrent estratt mil-ligi bid-disposizzonijiet rilevanti[10];

---

[7] Fol. 87 (*tergo*) tal-Process Allegat
[8] Fol. 83 tal-Process Allegat
[9] Fol. 78 sa 81 tal-Process Allegat
[10] Fol. 67 sa 70 tal-Process Allegat

(d) Ir-Rikorrent kien ingaggat mill-Istat bhala *Staff Nurse* fil-25 ta' Lulju 2022[11] – precedentement, huwa hadem fl-isptar Monte Carmeli u fl-isptar San Vincenz de Paule bhala infermier[12] u kien ottjena l-kwalifiki tieghu minn Sir C.J. Institute of Psychiatry Hyderabad School of Nursing, fil-Pakistan[13];

(e) Is-smigh tal-kaz tar-Rikorent sar minn sottokumitat tal-Kunsill Intimat, li avza lir-Rikorrent li kellu dritt ikun assistit minn avukat tal-fiducja tieghu.[14] Ir-Rikorrent pero' irrifjuta li juzufruwixxi minn dan id-dritt. Is-sottokumitat sema' l-provi mressqa quddiemu miz-zewg nahat, u wara li qies kollox, irrakkomanda li r-Rikorrent jinghata tahrig professjonali li jinkludi tahrig fil-professjoni ta' infermier accettabbli ghall-Kunsill intimat, u wkoll li, fit-termini tal-**art. 32** u **34** tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta, ismu jithassar mir-Registru tal-Infermiera u l-Qwiebel, u l-licenza tieghu biex jaghmel dan ix-xoghol tigi sospiza, sakemm il-Kunsill intimat ikun sodisfatt li r-Rikorrent ircieva t-tahrig kollu mehtieg biex ismu jerga' jiddahhal fir-Registru[15];

(f) Il-Kunsill Intimat addotta din id-decizjoni bhala konkluzjoni tal-inkjesta mwettqa minnu fil-kaz tar-Rikorrent, u gharrfu dwarha b'decizjoni moghtija fid-19 ta' April 2023[16];

(g) Din id-decizjoni giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern b'avviz datat 21 ta' April 2023[17];

[11] Fol. 55 tal-Process Allegat
[12] Fol. 59 tal-Process Allegat
[13] Ara fol. 51 sa 52 tal-Process Allegat
[14] Ara fol. 43, intestatur "The Position of SG", fil-Process Allegat
[15] Fol. 41 sa 46 tal-Process Allegat
[16] Ara fol. 29 sa 31 tal-Process Allegat
[17] Fol. 28 tal-Process Allegat

3. Ir-Rikorrent ressaq affidavit[18] li fih qal li gie Malta f'Awissu 2014. Applika ghal xoghol bhala infermier, u kien ingaggat biex jahdem f'dar tal-anzjani fil-Fgura. Fis-sena 2022, sar jaf li kien hemm vakanzi ghal xoghol mal-Gvern ta' Malta bhala nfermier, u rrizenja mix-xoghol li kellu biex dahal f'dan l-impjieg gdid. Huwa kien assenjat biex jahdem fl-isptar Mater Dei. Huwa ddikjara li kkwalifika bhala infermier fil-Pakistan qabel gie Malta, u li hadem f'dak ix-xoghol hemmhekk ghal seba' snin.

4. Ir-Rikorrent jghid li, fil-bidu tal-impjieg tieghu f'Mater Dei, huwa intbaghat fis-sala M7. Billi kien gdid, kellu bzonn li l-infermiera shabu jispjegawlu u jghinuh jidhol fis-sistema gdida. Ghamel l-almu tieghu, pero' ma nghatax tahrig. Skond hu, mexa u hadem sew anke mal-pazjenti. Darba fost l-ohrajn, is-superjur tieghu assenjatlu pazjenta biex jahsilha, u baghtet infermier li kien ghadu qed jitharreg biex isegwi. Il-pazjenta inzertat anzjana li ma tinzilx mis-sodda. Huwa lesta l-bzonnijiet, pero' avza lis-superjur tieghu li ma kienx f'qaghda jahsel lill-pazjenta wahdu ghalkemm bi ftit ghajnuna seta' jwettaq l-inkarigu moghti lilu. Ma kienx hemm min jintbaghat jassistih, u kien dirett inezza lill-pazjenta u jahslilha l-parti ta' fuq ta' gisimha. Huwa talab hames darbiet ghall-ghajnuna, pero' ma mar hadd biex jassistieh u b'xi mod irnexxielu jahsilha. Fil-Pakistan, huwa kien mghallem li pazjent tali jehtieg zewg infermiera biex jahsluh, u wkoll li ghandu jkun hemm assistent mara meta l-pazjenta tinzerta tas-sess femminili. Kellu diverbju mal-infermier li kien qed jitharreg mieghu ghaliex ma qabilx mieghu fuq il-mod kif hasel lill-pazjenta. Kellu wkoll kwistjonijiet mal-istess persuna dwar il-mod kif wettaq xoghol iehor mal-jum u mbaghad sar rapport dwar dan kollu u ssejjah biex jaghti spjegazzjoni. Minn hemm, intbaghat jahdem fi-sala MIU6. Skond ir-Rikorrent, f'din is-sala kien hemm zewg infermiera bl-isem ta' Doris u Eric li ghenuh u kienu sodisfatti ferm bil-hidma tieghu. Pero' mbaghad Rudolph Cini rrappurtah lill-Kunsill Intimat, li ddecieda kontra tieghu.

[18] Fol. 30 sa 34

5. Ir-Rikorrent qal li, meta attenda ghas-smigh tal-kaz tieghu, kien hemm hames persuni. Staqsewh x'gara u qallhom x'kien sehh. Staqsewh mistoqsijiet medici u jaf li wegibhom tajjeb. Staqsewh joggezzjonax li jinghata t-tahrig u qallhom li ma kienx joggezzjona, u mbaghad qalulu li kienu ser jergghu jkellmuh. Wara hames xhur, kien infurmat li l-licenzja tieghu kienet revokata, u li kien ser jircievi ittra u li kellu dritt jappella. Qal li ghandu bzonn jahdem biex jghajjex lill-familja tieghu. Meta rcieva l-ittra bid-decizjoni[19], appella, pero' l-appell tieghu kien michud.

6. In kontroezami[20], ir-Rikorrent ikkonferma li kien ircieva l-akkuzi qabel ma attenda ghas-smigh tal-kaz ta' dixxiplina kontra tieghu. Ikkonferma wkoll li, mal-akkuzi, kellu estratt mil-ligi bid-disposizzjonijiet rilevanti. Qal li, f'dak l-istadju, ikkonsulta avukat, u mbaghad mar ghas-smigh, pero' aktar tard ikkorega ruhu u qal li ma kienx kellem avukat, ghax mill-Kunsill Intimat ma avzawhx li kellu dritt ikellem avukat f'dak l-istadju. Lill-avukat kellmu wara li rrevokawlu l-licenzja ta' nfermier. In ri-ezami, ir-Rikorrent qal li nstemghet xhud, pero' mbaghad qal li ma ressqux xhieda kontrieh, u li staqsewh domandi teknici li wegibhom tajjeb. Hu hareg mill-kamra meta qalulu li seta' jmur. Barra ma rax nies li kien jaf fuq il-post tax-xoghol. Imbaghad ghamel xhur ma sema' xejn u ma ssejjahx biex jattendi ghal laqghat ohra.

7. L-uniku xhud li ressaq ir-Rikorrent fil-kawza odjerna kienet Elizabeth Bonnet[21], registratur tal-Kunsill Intimat. Hija spjegat li l-Kunsill Intimat huwa mmexxi minn avukat appuntat mill-Prim'Ministru, u wkoll infermier u qabla, u zewg membri tal-pubbliku li huma wkoll mahtura mill-Prim'Ministru. Imbaghad hemm qabla, u tlett infermiera fi gradi differenti, li jkunu eletti minn fost l-infermiera registrati, u jpoggi fuq il-Kunsill ukoll id-Direttur

[19] Fol. 33 sa 34
[20] Ara kontroezami, 26.9.2024, fol. 66 sa 74
[21] Ara xiehda, 3.7.2024, fol. 42 sa 48

tal-Infermiera li joqghod *ex ufficio*. L-elezzjoni ssir kull tlett snin. Il-membri appuntati mill-Prim'Ministru jinhatru ghal sena, u z-zmien taghhom fil-Kunsill Intimat jista' jiggedded. Is-salarju taghhom jithallas mill-Kunsill Intimat. Il-hlas jiddependi mill-attendenza tal-membri ghal-laqghat tal-Kunsill.

8. Dwar dan il-kaz, ix-xhud Bonnett qalet li kienet irceviet ilment minghand Rudolph Cini, *Chief Nursing Manager* tal-isptar Mater Dei, b'rapport dwar ir-Rikorrent, u n-nuqqasijiet tieghu fuq il-post tax-xoghol. Spjegat ukoll li l-komposizzjoni tat-sottokumitat tad-dixxiplina tintghazel minn fost il-membri tal-Kunsill Intimat. Jiddeciedi fuq l-identita' taghhom l-istess Kunsill Intimat waqt laqgha tieghu. L-uniku membru li jkun hemm dejjem huwa l-President tal-Kunsill Intimat. F'dan il-kaz, Cini kien ghadda r-rapporti tieghu lill-Kunsill Intimat, li ddiskutiehom waqt laqgha tieghu u hatar lis-sottokumitat biex imexxi l-inkjesta. Waqt is-smigh kien hemm prezenti wkoll l-avukat tal-Kunsill Intimat, Dr. Matthew Paris.

9. Ix-xhud Bonnett ippuntwalizzat li, qabel attenda ghas-smigh, ir-Rikorrent kien ircieva kopja tal-akkuza. Inzammu b'kollox tlett seduti, u mbaghad is-sottokumitat ifformula rakkomandazzjoni ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Intimat. Il-Kunsill Intimat iddiskuta r-rakkomandazzjoni fl-assenza tar-Rikorrent, u mbaghad hareg bid-decizjoni tieghu. Issoktar tixhed[22], in kontroezami, li r-rapport dwar l-allegata imgieba hazina tar-Rikorrent sar mill-*Head* ta' Mater Dei, filwaqt li l-membri tal-Kunsill Intimat li ddecidew dwar il-kaz ta' dixxiplina tieghu huma membri tal-istess Kunsill Intimat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

10. Illi qabelxejn, din il-Qorti trid tqis u tiddeciedi dwar l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-Kunsill Intimat meta

[22] Ara xiehda, 26.9.2024, fol. 63 sa 65

joggezzjona li mhuwiex legittimu kuntradittur ghat-talbiet tar-Rikorrent f'din il-kawza. Il-bazi ta' din l-eccezzjoni hija li lment ta' din in-natura jista' jitressaq biss kontra l-Istat, u mhux ukoll kontra terz li qeda dmirijietu skond il-ligijiet ordinarji impunjati.

11. Fir-rigward tal-interess guridiku ta' konvenut biex jitharrek f'kawza, u x'jaghmlu legittimu kuntradittur ghat-talbiet tal-attur f'kuntest ta' obligazzjoni civili, tajjeb li ssir referenza ghall-dak ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Frankie Refalo noe vs Dr. Jason Azzopardi** meta qalet:

> *"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha."*

12. Meqjus li, kemm jekk jirrizulta l-ksur tad-drittijiet fundamentali li dwaru jilmenta r-Rikorrent, kemm jekk le, il-lanjanza tieghu ddur madwar il-mod kif il-Kunsill Intimat mexxa l-process ta' dixxiplina kontra tieghu, din il-Qorti ssib li l-istess Kunsill Intimat ghandu interess bizzejjed biex jippartecipa bhala parti f'dan il-gudizzju. Wara kollox, in-nuqqasijiet allegati, jekk pruvati, jistghu potenzjalment jaghtu lok ghal eziti li jaffettwaw l-interessi tal-istess Kunsill Intimat fit-twettiq ta' dawn id-dmirijiet tieghu b'mod specifiku, u ghalhekk il-presenza tieghu hija mehtiega kemm ghall-integrita' tal-gudizzju, u ghas-salvagwardja tal-interessi tieghu.

13. Din hija l-istess konkluzjoni li waslet ghaliha, din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza li jistrieh fuqha r-Rikorrent fil-kaz **Dr. Stephen Spiteri vs Il-Kunsill Mediku et**[23], u din il-Qorti taghmel taghha l-kunsiderazzjonijiet hemm maghmula, hawn taht riportati:

> *"58. In tema legali dwar il-leġittimazzjoni passiva f'kawża kostituzzjonali/konvenzjonali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Abela vs. L-Onor. Prim Ministru et*** *deċiża fis-7 ta' Diċembru 1990:*
>
>> *"F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall- omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s- sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*
>
> *Aktar reċenti s-sentenza tal-Prim' Awla (ġurisdizzjoni kostituzzjonali) fl-ismijiet* ***Oliver Agius v. Onor. Prim' Ministru et.*** *mogħtija fid-29 ta' Settembru, 2016:*
>
>> *"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min ghandu jwiegeb ghal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta' rimedju li jista' jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-realta' u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta' persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntradditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi*

[23] Rik. Nru. 175/2020RGM, deciza 13.6.2023, pg. 24 sa 26

*jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan- nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta' xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawza meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt issmigh ta' xi kawza f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il- gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni.*

*59. Għalkemm huwa miżmum mill-ġurisprudenza nostrana illi f'kawżi ta' indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa l-Istat illi għandu jwieġeb għall- vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali; permezz tal-kawża odjerna r-rikorrent mhux biss qed jitlob li l-poteri mogħtija lill-Kunsill mill-Kap. 464 fejn jidħlu azzjonijiet ta' dixxiplina jiksru l-jeddijiet fundamentali tiegħu fuq imsemmija; imma qed jattakka wkoll il-proċedura adoperata mill-Kunsill u minn sotto kumitat minnu maħtur fil-proċeduri kontra tiegħu. Inoltre r-rikorent qed jitlob illi l-Qorti tannulla kull proċedura li ttieħdet kontrih mill-Kunsill jew mis-sottokumitat tiegħu."*

14. Il-Qorti ghalhekk tqis li din l-eccezzjoni mhijiex fondata u ser tghaddi biex tichadha.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

15. Il-pern tal-ilment fil-mertu f'din il-kawza huwa jekk il-procediment stipulat fit-Titolu VII (Artikoli 31 sa 41) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta), b'mizura ta' dixxiplina kontra infermier, u li segwa l-Kunsill Intimat f'dan il-kaz, jiksirx id-dritt fundamentali tar-Rikorrent ghal smigh xieraq. Fis-sottomissjonijiet tieghu, ir-Rikorrent jidentifika l-kaz tieghu mal-fatti li taw lok ghas-sentenza **Dr. Stephen Spiteri vs Il-Kunsill Mediku et**[24] (mhux appellata)[25], fejn kien dikjarat li Dr. Spiteri kien garrab ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq bil-perkors tal-process dixxiplinarju li bih mexxa kontrieh il-Kunsill Mediku skond l-istess ligi, fejn l-istess tabib kien akkuzat li naqas mill-obbligi

[24] Rik. Nru. 175/2020RGM, deciza 13.6.2023
[25] Aktar 'l isfel imsejjah *"Kaz Spiteri"*

professjonali u etici tieghu meta rrediga certifikati medici dwar persuni li ma kienx zar bhala pazjenti tieghu.

16. Id-difiza ewlenija tal-intimati, elaborata fis-sottomissjonijiet taghhom, hija li hemm distinzjoni ewlenija bejn dan il-kaz, u l-kaz ta' **Stephen Spiteri**, ghaliex f'dan il-kaz mhux talli l-ligi ordinarja tipprovdi rimedju ta' appell, fuq punti ta' fatt u ligi, dwar id-decizjoni tal-Kunsill Intimat, u s-sanzjoni li dan ghazel li jimponi fuq ir-Rikorrent, imma filfatt ir-Rikorrent esperixxa dak ir-rimedju, pero' ma wasalx ghall-ezitu li xtaq hu.

*17.* Jibda biex jinghad li r-Rikorrent mill-bidu nett jikkaraterizza l-procediment ta' dixxiplina li tmexxa kontra tieghu fit-termini tat-Titolu VII tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta bhala li ghandu natura civili.[26] Din hija filfatt il-konkluzjoni li waslet ghaliha din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-Kaz Spiteri.[27]

18. Meqjus allura li l-procediment ta' dixxiplina skond il-Kap. 464 ghandu natura civili, imiss li jitqies jekk dan il-process li sar lir-Rikorrent iddeterminalux id-drittijiet u l-obbligi civili tieghu. Terga' ghalhekk issir referenza ghall-Kaz Spiteri fejn jinghad hekk:

> *"115. Il-jedd jew obbligu ċivili jrid ikun il-mertu tal-kontestazzjoni quddiem l-awtorita' ġudikanti sabiex ikun regolat bl-Artikolu 6 u bl-Artikolu 39.*
> …
> *116. Kif qalet il-QEDB fis-sentenza* ***Gubler v. Franza*** *mogħtija fis-27 ta' Lulju, 2006 (69742/01) huma l-proċeduri dixxiplinari minn organu ta' dixxiplina li jitrattaw direttament il-mertu dwar jekk professjonist għandux jitħalla jiprattika l-professjoni libera tiegħu li jista' jitqies illi l-*

[26] *Ara l-ahhar premesa u l-ewwel talba fl-att promotur:*
*"39…*
*(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; ……."*
[27] *Supra*, para. 97 sa 102, pg. 39 sa 41

*organu ġudikanti qed jitratta l-jeddijiet ċivili tal-applikant u li per konsegwenza dak l-organu jrid jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 6*
*…*
*117. Fuq l-istess linja ta' ħsieb hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***Frederick Attard vs. Malta International Airport p.l.c. et*** *mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2021 fejn osservat:*

> *36. 'Illi l-Qorti tqis li din il-fehma toħroġ ukoll minn deċiżjonijiet li jirrigwardaw ilmenti ta' ksur ta' smigħ xieraq u dwar jekk il-funzjonijiet ta' bord ta' dixxiplina jkunux jaqgħu taħt l-iskrutinju li jintuża fil-każ tal-proċeduri quddiem il-Qrati jew tribunal [B'eżempju, ara Kost. 12.2.2016 fil-kawża fl-ismijiet* ***Grace Gatt v. Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** *§§ 46 – 7]. ...... mal-medda taż-żmien, il-kriterji tal-imparzjalità u l-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq twessgħu biex jgħoddu wkoll għal proċeduri dixxiplinari rigwardanti ħaddiema jew professjonisti. Din il-Qorti tqis li s-sottomissjoni tal-appellant kien ikollha siwi li kieku l-proċeduri ta' dixxiplina li tressaq taħthom ma kinux finali u konklussivi jew ma kellu l-ebda rimedju wara l-eżitu tagħhom. Imma dan ma kienx il-każ, u għalhekk, il-fatt li l-liġi kienet u għadha tagħti lil persuna suġġetta għal proċeduri dixxiplinari l-jedd li tikkontesta dawk il-proċeduri quddiem qorti, iġib miegħu li bord jew korp imwaqqaf biex jeżerċita funzjonijiet dixxiplinari ma jkunx jaqa' taħt il-kejl mistenni minn qorti jew tribunal. F'dan ir-rigward ingħad li "even where an adjudicatory body determining disputes over 'civil rights and obligations' does not comply with Article 6§1 in some respect, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body "are subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6§1" [Q.E.D.B. 8.10.2019 fil-kawża fl-ismijiet* ***Grace Gatt v. Malta*** *(Applik. Nru. 46466/16) § 79];"*

*118. Minn dan isegwi illi sabiex jiġi determinat jekk il-Kunsill Mediku fil-vesti tiegħu ta' awtorita' ġudikanti ta' dixxiplina mwaqqfa b'liġi hux*

*meħtieġ li jissodisfa l-kriterji u l-garanziji ta' Artikolu 6 u Artikolu 39 kif qed jitlob ir-rikorrent permezz tal-ewwel talba tiegħu; jeħtieġ li jiġi determinat: (1) jekk il-proċedura investigativa u akkużatorja tal-Kunsill hiex ser tiddetermina jeddijiet u obbligi ċivili tar-rikorrent; (2) f'każ affermattiv allura jeħtieġ li fil-qadi tas-setgħat lilu mogħtija bl-Artikolu 31 tal-Kap. 464 jissodisfa l-garanziji ta' indipendenza u imparzjalita' garantiti bl-Artikolu 6; (3) jekk jirriżulta illi il-mertu veru u proprju tal-indaġini, akkuża u deċiżżjoni ma hux ser jiddetermina jeddijiet u obbligi ċivili tar-rikorrent, allavolja d-deċiżżjoni finali tista' tolqot tali jeddijiet u obbligi ċivili tar-rikorrent fis-sanzjoni li tista' tordna, allura mhux meħtieġ li l-Kunsill jissodisfa l-garanziji mogħtija bl-Artikolu 6 kemm-il darba tali deċiżjoni tista' tiġi appellata quddiem qorti jew awtorita' ġudikanti oħra li toffri l-garanziji konktemplati fl-Artikolu 6.*

…

*121. … il-ġurisprudenza tal-QEDB mhux dejjem konsistenti dwar meta huwa applikabbli il-fergħa ċivili ta' Artikolu 6 f'ċirkostanzi bħal dawk in eżami. Xi drabi ddikjarat illi fi proċeduri ta' dixxiplina mhux meħtieġ li l-bord ta' dixxiplina jissodisfa l-garanziji għall-jedd ta' smigħ xieraq protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jekk il-proċess ma jkunx qed jitratta "direttament" il-kwistjoni tar-revoka jew sospensjoni tal-liċenzja; drabi oħra ddikjarat illi tali ħtieġa tqum biss jekk wara d-deċiżjoni tal-bord ta' dixxiplina ma jkunx hemm dritt ta' appell quddiem qorti jew tribunal ġudikanti li joffri l-garanziji mogħtija bl-Artikolu 6; u drabi oħra illi l-jedd għal smigħ xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 jissussisti quddiem bord ta' dixxiplina anke jekk il-proċeduri ta' dixxiplina potenzjalment jistgħu iwasslu għar-revoka jew sospensjoni tal-liċenja."*

19. Kif qalet tajjeb il-Qorti fil-Kaz Spiteri, din l-inkonsistenza tinsab iccarata fil-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (civil limb)*[28]:

> *"39. Article 6 is applicable to disciplinary proceedings before professional bodies where the right to practise a profession is directly*

[28] Kif aggornat sa 31.8.2022; https://bin.yhdistysavain.fi/1610026/0OBgcYvkYC4e8MtqRbY30_7yi9/Guide_Art_6_Civil_Limb_ENG.pdf

*at stake (**Reczkowicz v. Poland**, 2021, §§ 183-185 and the case-law references cited in relation to judges and practising lawyers; **Le Compte, Van Leuven and De Meyere v. Belgium** (doctors); Philis v. Greece (no. 2), 1981, § 45 (engineer); **Peleki v. Greece**, 2020, § 39, concerning a notary; compare and contrast with **Ali Rıza and Others v. Turkey**, 2020, §§ 155 and 159- 160, concerning sports disputes). The applicability of Article 6 to disciplinary proceedings is determined on the basis of the sanctions which the individual risks incurring as a result of the alleged offence (**Marušić v. Croatia** (dec.), 2017, §§ 72-73 – Article 6 inapplicable). The concrete outcome of the proceedings is not crucial to the assessment of whether Article 6 § 1 is applicable; it may be sufficient, in appropriate cases, that the right to practise a profession is at stake, simply because suspension from practising the profession features among the measures that may potentially be taken against the applicant (**Peleki v. Greece**, 2020, § 39). The case-law concerning the applicability of Article 6 to disciplinary proceedings against civil servants refers to the Vilho Eskelinen test (**Ramos Nunes de Carvalho e Sá v. Portugal** [GC], 2018, § 120 and case-law references cited, and § 196; **Eminağaoğlu v. Turkey**, 2021, § 66, concerning disciplinary proceedings against a judge; **Grace Gatt v. Malta**, 2019, §§ 60-63, concerning disciplinary proceedings against a police officer). Article 6 § 1 has also been found to be applicable in relation to disciplinary sanctions in the field ofsport (**Sedat Doğan v. Turkey**, 2021, §§ 20-21, and **Naki and AMED Sportif Faaliyetler Kulübü Derneği v. Turkey**, 2021, § 20).*

*…*

*185. Likewise, **the fact that the duty of adjudicating is conferred on professional disciplinary bodies does not in itself infringe the Convention. Nonetheless, in such circumstances the Convention calls for at least one of the following two systems: either the professional disciplinary bodies themselves comply with the requirements of that Article, or they do not so comply but are subject to subsequent review by "a judicial body that has full jurisdiction" and does provide the guarantees of Article 6 § 1 (Albert and Le Compte v. Belgium**, 1983, § 29; **Gautrin and Others v. France**, 1998, § 57; **Fazia Ali v. the United Kingdom**, 2015, § 75).*

*186. Accordingly, the Court has consistently reiterated that under Article 6 § 1 it is necessary that the decisions of administrative authorities which do not themselves satisfy the requirements of that*

*Article should be subject to subsequent control by "a judicial body that has full jurisdiction" (**Ortenberg v. Austria**, 1994, § 31).*
*187. Only an institution that has full jurisdiction merits the designation "tribunal" within the meaning of Article 6 § 1 (**Beaumartin v. France**, 1994, § 38). Article 6 § 1 requires the courts to carry out an effective judicial review (**Obermeier v. Austria**, 1990, § 70). The concept of "full jurisdiction" does not necessarily depend on the legal characterisation in domestic law.*
…
*189. Where an administrative body determining disputes over "civil rights and obligations" does not satisfy all the requirements of Article 6 § 1, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body are "subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6 § 1", that is, if any structural or procedural shortcomings identified in the proceedings before the administrative authority are remedied in the course of the subsequent review by a judicial body with full jurisdiction (**Ramos Nunes de Carvalho e Sá v. Portugal** [GC], 2018, § 132; **Peleki v. Greece**, 2020, §§ 58-60).*[29]

20. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif tajjeb issottomettew l-intimati, huwa proprju hawn fejn dan il-kaz jiddistingwi ruhu mill-Kaz Spiteri. Billi f'dan il-kaz, is-sanzjoni mitluba, u attwalment akkollata lir-Rikorrent, kienet it-thassir ta' ismu mir-Registru tal-Infermiera u l-Qwiebel, il-ligi ordinarja tatu dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell, fil-kompetenza superjuri taghha, fi zmien wiehed u ghoxrin (21) jum mindu kien notifikat bl-avviz tad-decizjoni mehuda mill-Kunsill Intimat fil-konfront tieghu (ara **art. 36(4)** tal-Kap. 464). Dan id-dritt, li filfatt ir-Rikorrent uzufruwixxa ruhu minnu, ippermettielu jressaq aggravji kemm ta' fatt kemm ta' ligi quddiem qorti indipendenti u imparzjali, li filfatt ezaminat, qieset u ddecidiet dwar dawk l-aggravji kollha f'revizjoni shiha tad-decizjoni mehuda mill-Kunsill Intimat. Dik ir-revizjoni fattwali u legali setghet wasslet ghat-thassir tad-decizjoni b'mod shih, jew

[29] Enfasi ta' din il-Qorti

b'mod parzjali, jew ghall-konferma taghha, kif filfatt gara f'dan il-kaz.

21. F'dan ir-rigward, il-Kaz Spiteri, li l-Qorti jidrilha li jiswa' hafna ghall-kaz in disamina, jaghmilha cara li *"Jekk jirriżulta li minn tali deċiżjoni tal-Kunsill … hemm dritt ta' appell quddiem awtorita' ġudizzjarji "with unlimited jurisdiction" bis-salvagwardji ta' indipendenza u imparzjalita' kif kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni, allura ikun jista' jitqies li dawn l-artikoli ma humiex applikabbli għall-Kunsill fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt Artikolu 31 tal-Kap. 464."*[30] Din il-Qorti taqbel ghal kollox ma' tali konkluzjoni, bazata fuq l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjoni hawn fuq citata, u ghalhekk issib li l-ilment tar-Rikorrent fil-mertu mhuwiex fondat.

**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimat President tal-Kunsill ghall-Infermiera u Qwiebel Malta, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tieghu, u l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat Avukat tal-Istat, u konsegwentement tichad it-talbiet tar-Rikorrent.**

**L-ispejjez jithallsu mir-Rikorrent**.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

[30] *Supra*, ara para. 141, pg. 62

Nicole Cini
Deputat Reġistratur